

Brussell, 30 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0195 (NLE)**

---

---

**11052/25  
ADD 1**

**RESUA 11  
FIN 799  
ECOFIN 926  
ELARG 86  
COEST 533  
DEVGEN 111  
UA PLATFORM 5**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 365 annex
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament tar-raba' pagament parzjali skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 365 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 365 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.6.2025  
COM(2025) 365 final

ANNEX

ANNEX

*tal-*

**Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill**

**li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament tar-raba'  
pagament parzjali skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna**

## ANNEX

### Valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-passi marbuta mar-raba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna

#### SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fis-6 ta' Ġunju 2025, l-Ukrajna ressqet talba għall-pagament parzjali tar-raba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna<sup>1</sup>. Biex tappoġġa t-talba għall-pagament, l-Ukrajna pprovdiet ġustifikazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti ta' 13-il pass stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna ("l-Anness tas-CID")<sup>2</sup>.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ukrajna, it-13-il pass jitqiesu li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti.

Bħala parti mill-**kapitolu 1** dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar ir-riforma tar-remunerazzjoni tas-servizz pubbliku.

Bħala parti mill-**kapitolu 6** dwar il-ġestjoni tal-assi pubbliċi, ġie adottat il-pjan direzzjonali dwar is-separazzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku u l-attivitajiet mhux ta' OSP (obbligu ta' servizz pubbliku).

Bħala parti mill-**kapitolu 7** dwar il-kapital uman, daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar l-edukazzjoni preprimarja u ġiet adottata l-istrateġija dwar l-iżvilupp tal-kultura Ukrena.

Bħala parti mill-**kapitolu 9** dwar id-deċentralizzazzjoni u l-politika reġjonali, daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet dwar l-ordni pubbliku.

Bħala parti mill-**kapitolu 12** dwar is-settur agroalimentari, ġiet stabbilita u implimentata sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art, u ġie adottat il-pjan fit-tul dwar is-sistema tat-tisqija.

Bħala parti mill-**kapitolu 13** dwar il-ġestjoni tal-materja prima kritika, ġie stabbilit u implimentat kabinett elettroniku mtejjeb tal-utenti tas-sottoswol.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2024/1447/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj)). L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CONSIL%3AST\\_9492\\_2024\\_ADD\\_1&qid=1716536456361](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CONSIL%3AST_9492_2024_ADD_1&qid=1716536456361)

Bħala parti mill-**kapitolu 14** dwar it-trasformazzjoni diġitali, daħlet fis-seħħ il-leġislazzjoni dwar it-tiŝiħ taċ-ċibersigurtà u ġew adottati l-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-użu tal-ispettru tar-radju u dwar id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

Bħala parti mill-**kapitolu 15** dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali, daħlet fis-seħħ il-leġislazzjoni dwar il-politika tal-istat dwar il-klima u ġie adottat il-pjan ta' azzjoni dwar l-istabiliment ta' sistema nazzjonali għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

## Pass 1.1

<b>Isem tal-pass:</b> Dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi għar-riforma tar-remunerazzjoni tas-servizz pubbliku
<b>Riforma/investment relatati:</b> Riforma 1. Riforma tar-remunerazzjoni tas-servizz pubbliku
<b>Iffinanzjat minn:</b> self
<b>Kuntest</b>  Ir-rekwiżit għall-Pass 1.1 deskritt fl-anness tas-CID huwa:  <i>"Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni (inkluża l-adozzjoni tal-atti legali sekondarji u normattivi meħtieġa), li tikkonforma mal-prinċipji rilevanti tal-OECD SIGMA tal-amministrazzjoni pubblika. Il-leġiżlazzjoni tiffoka fuq l-oqsma ewlenin li ġejjin:</i> <i>- l-introduzzjoni ta' remunerazzjoni bbażata fuq il-klassifikazzjoni funzjonali tal-pożizzjonijiet;</i> <i>- is-separazzjoni ċara tal-pagi f'partijiet fissi jew garantiti (mhux inqas minn 70 % fis-sena) u varjabbli (mhux aktar minn 30 % fis-sena);</i> <i>- it-tnaqqis tas-suppliment ta' anzjanità minn 50 % għal 30 %."</i>  Il-pass 1.1 huwa l-uniku pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 1 fil-Kapitolu 1 (riforma tal-amministrazzjoni pubblika).
<b>Evidenza pprovduta</b>  <ol style="list-style-type: none"><li>1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass ġie ssodisfat b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;</li><li>2) kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4282-IX "Dwar l-Emendi għal Ċerti Liġijiet tal-Ukrajna Rigward l-Implimentazzjoni ta' Approċċi Unifikati għar-Remunerazzjoni tal-Impjegati taċ-Ċivil Abbażi tal-Klassifikazzjoni tal-Impjegati" datata l-4 ta' Ġunju 2025;</li><li>3) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 1109 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna "Dwar it-Tħejjija għall-Introduzzjoni tal-Kundizzjonijiet ta' Remunerazzjoni għall-Impjegati taċ-Ċivil fuq il-Bażi tal-Klassifikazzjoni tal-Pożizzjonijiet" datata t-23 ta' Ottubru 2025;</li><li>4) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 369 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna "Xi kwistjonijiet ta' klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet tas-servizz pubbliku" datata l-1 ta' April 2025;</li><li>5) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 668 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna "Dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura għall-Formazzjoni tal-Fond tax-Xogħol tal-Impjegati taċ-Ċivil fil-Korp tal-Istat" datata s-6 ta' Ġunju 2025;</li></ol>

- 6) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 1409 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna *"Il-kwistjoni tar-remunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil abbażi tal-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet fl-2025"* datata d-29 ta' Diċembru 2023;
- 7) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 667 tal-Kabinett tal-Ministri *"Dwar Emendi tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna Nru 1409 datata d-29 ta' Diċembru 2023"* datata s-6 ta' Ġunju 2025;
- 8) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 419 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna *"Xi Kwistjonijiet dwar ir-Remunerazzjoni tal-Impjegati taċ-Ċivil tal-Apparat tal-Awtorità leġiżlattiva"* datata l-11 ta' April 2025;
- 9) kopja tal-Ordni Nru 128 tal-President tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna *"Katalgu ta' karigi tipiċi tas-servizz pubbliku fis-Segretarjat tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna"* datata l-31 ta' Jannar 2025;
- 10) kopja tar-Riżoluzzjoni Nru 414 tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna *"Dwar it-tipi, id-daqsijiet u l-proċedura għall-għoti ta' kumpens liċ-ċittadini b'rabta max-xogħol, li tipprovdi aċċess għas-sigrieti tal-Istat"* datata l-15 ta' Ġunju 1994.

## **Analiżi**

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 1.1.

L-objettiv tar-Riforma 1 fil-Kapitolu 1 (riforma tal-amministrazzjoni pubblika) huwa li tiġi introdotta sistema ta' remunerazzjoni trasparenti, ġusta u prevedibbli għas-servizz ċivili, f'konformità mal-prinċipji rilevanti tal-OECD/SIGMA tal-amministrazzjoni pubblika. Għal dan l-għan, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi Nru 4282-IX fil-11 ta' Marzu 2025, li ġiet iffirmata mill-President tal-Ukrajna fl-4 ta' Ġunju 2025. Il-Liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2025, u l-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti għaddiet sas-6 ta' Ġunju 2025.

Il-liġi tistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni obligatorja tal-impjegi funzjonali għal kull kariga tas-servizz pubbliku fil-korpi kollha tal-Istat. Il-karigi huma miġbura f'familji li għandhom fokus funzjonali kondiviż, u kull familja tinqasam f'livelli ta' kumplessità u responsabbiltà differenti.

Il-Kabinett tal-Ministri japprova katalgu li japplika għall-pajjiż kollu ta' karigi tipiċi tas-servizz pubbliku u l-kriterji għall-assenjazzjoni ta' postijiet lilu, filwaqt li tinħareġ metodoloġija vinkolanti. L-awtoritajiet tal-Istat kollha jeħtiġilhom jużaw din il-metodoloġija meta jkunu qed jimmappjaw l-impjegi tagħhom mal-katalgu. Din il-klassifikazzjoni tal-impjegi hija marbuta direttament mal-paga, peress li l-ammonti uffċjali tas-salarju huma

stabbiliti fuq il-bażi tal-katalgu. Kull pożizzjoni hija mqabbla ma' rwoġi ekwivalenti fis-settur privat fl-Ukrajna, u t-tabelli tas-salarji jiġu aġġornati kull sena.

Il-liġi tillimita wkoll il-komponent varjabbli tal-paga ta' impjegat taċ-ċivil għal 30 % tas-salarju ta' kull xahar u annwali tiegħu, filwaqt li tiżgura li l-komponent fiss ikun mill-inqas 70 % tas-salarju ta' kull xahar u annwali tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-liġi tintroduċi limitu għall-ħlas għall-anzjanità: 2 % tas-salarju ta' impjegat taċ-ċivil għal kull sena kalendarja ta' esperjenza fis-servizz ċivili, iżda mhux aktar minn 30 % tas-salarju uffiċjali b'kollox.

Dawn il-bidliet leġiżlattivi poġġew lis-sistema ta' remunerazzjoni tas-servizz pubbliku tal-Ukrajna fallinjament aktar mill-qrib mal-prinċipji rilevanti tal-OECD/SIGMA tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari l-Prinċipju 11: "L-impjegati taċ-ċivil huma mmotivati, imħallsa paga ġusta u kompetittiva u għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin".

Dan il-prinċipju jistipula li amministrazzjoni pubblika għandha *"tippromwovi paga ugwali għal xogħol ugwali... billi tiddetermina s-salarju bażiku fuq il-klassifikazzjoni tal-impjeg. Għandha tibbaża l-allowances u benefiċċji oħra fuq kriterji oġġettivi stabbiliti fil-liġi u tiżgura li ma jkun hemm l-ebda tip ta' diskriminazzjoni fir-remunerazzjoni."*

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni:** ksib sodisfaċenti

## Pass 6.6

**Isem tal-pass:** Adozzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar is-separazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku (OSP) u l-attivitajiet mhux ta' OSP

**Riforma/investment relatati:** Ir-riforma 3. Separazzjoni tal-kontijiet bejn attivitajiet ta' obbligi ta' servizz pubbliku (OSP) u attivitajiet mhux ta' OSP f'intrapriżi tal-istat

**Iffinanzjat minn:** self

### Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 6.6 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

*L-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-Pjan Direzzjonali li jiddefinixxi l-passi għas-separazzjoni strutturali obligatorja tal-attivitajiet ta' OSP u mhux ta' OSP għall-intrapriżi tal-istat (SOEs, state-owned enterprises) kollha involuti f'OSP. Il-Pjan Direzzjonali huwa bbażat fuq il-livell attwali identifikat ta' adozzjoni ta' approċċi kontabilistiċi meħtieġa u jinkludi passi operazzjonali għas-separazzjoni tal-kontijiet għall-kumpaniji fi stadji differenti tal-*

*implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa. Il-Pjan Direzzjonali jiddeskrivi kif is-separazzjoni tal-kontijiet bejn l-attivitajiet tal-OSP u dawk mhux ta' OSP se titwettaq fl-ewwel SOEs ewlenin maġġuri kollha approvati bid-deċiżjoni tal-protokoll tal-Kabinett tal-Ministri."*

Il-Pass 6.6 huwa l-ewwel wieħed minn tliet passi fl-implimentazzjoni tar-Riforma 3 tal-Kapitolu 6 (ġestjoni tal-assi pubbliċi). Dan huwa segwit mill-Pass 6.7 (mistenni fit-tielet trimestru tal-2025) mad-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi identifikati fil-pjan direzzjonali u l-Pass 6.8 (mistenni fir-raba' trimestru tal-2027) dwar is-sottomissjoni ta' rapport ta' awditu indipendenti dwar is-separazzjoni strutturali tal-kontijiet fl-SOEs involuti fl-OSP.

### **Evidenza pprovduta**

- 1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass ġie ssodisfat b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-Ordni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 308-r "*Dwar l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Separazzjoni tal-Kontijiet bejn l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku u Attivitajiet Oħra f'Intrapriżi tal-Istat Fdati b'Obbligi tas-Servizz Pubbliku*", datata l-4 ta' April 2025;
- 3) kopja tal-"*Pjan ta' Azzjoni dwar is-Separazzjoni tal-Kontijiet bejn l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku u Attivitajiet Oħra f'Intrapriżi tal-Istat Fdati b'Obbligi tas-Servizz Pubbliku*" bħala dokument mehmuż mal-Ordni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 308-r tal-4 ta' April 2025 ippubblikata [hawn](https://www.kmu.gov.ua/npas/prozatverdzhennia-planu-zakhodiv-shchodo-rozmezhuvannia-diialnosti-subiektiv-hospodariuvannia-derzhavnoho-sektoru-ekonomiky-308r-040425): <https://www.kmu.gov.ua/npas/prozatverdzhennia-planu-zakhodiv-shchodo-rozmezhuvannia-diialnosti-subiektiv-hospodariuvannia-derzhavnoho-sektoru-ekonomiky-308r-040425>.
- 4) kopja tad-Deċiżjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 122 "*Dwar il-Lista tal-Aqwa 33 SOE Miżmuma Taħt Proprjetà tal-Istat*", datata d-29 ta' Novembru 2024.

### **Analiżi**

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 6.6.

L-objettiv tar-Riforma 3 fil-Kapitolu 6 (il-ġestjoni tal-assi pubbliċi) huwa li l-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni jsiru aktar ġusti u li jkun hemm aktar konverġenza mal-acquis tal-UE, permezz ta' separazzjoni tal-kontijiet bejn l-attivitajiet marbuta mal-obbligi tas-servizz pubbliku (OSP) minn attivitajiet mhux ta' OSP f'intrapriżi tal-Istat- (SOEs, state-owned enterprises). Għal dan il-għan, il-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna adotta u ppubblika pjan ta' azzjoni għas-separazzjoni tal-kontijiet fl-SOEs involuti fl-OSP, fil-forma tal-Ordni Nru 308-r tal-4 ta' April 2025.

Il-pjan ta' azzjoni jintroduċi definizzjoni orizzontali ta' OSP li għandha tiġi applikata fl-SOEs kif ukoll f'kumpaniji privati attivi f'setturi ekonomiċi differenti, inklużi l-enerġija, it-trasport u s-servizzi tal-posta. Din id-definizzjoni hija konsistenti mad-definizzjoni ta' OSP stabbilita fil-Politika tal-Ukrajna dwar is-Sjieda mill-Istat, adottata f'Novembru 2024, u tinkorpora l-kunċett ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEIs, services of general economic interest).

Din id-definizzjoni hija mistennija li tiġi trasposta fid-dritt primarju sat-tielet trimestru tal-2025, bħala parti mir-riżultati tanġibbli tal-Pjan għall-Ukrajna li jmiss. B'mod ġenerali, il-pjan ta' azzjoni jidentifika l-bidliet leġislattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-separazzjoni tal-kontijiet, inkluż obbligu legali għall-SOEs involuti fl-OSP biex jisseparaw il-kontijiet.

Minbarra l-bidliet leġislattivi, il-pjan ta' azzjoni jiddeskrivi passi operazzjonali speċifiċi għall-SOEs biex jisseparaw il-kontijiet sal-2027. Dawn il-passi jinkludu r-rekwiżit għall-SOEs li janalizzaw id-dħul, l-ispejjeż, l-assi u l-obbligazzjonijiet assoċjati mal-OSP u l-attivitajiet kummerċjali.

Barra minn hekk, l-SOEs iridu jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom lista tal-OSP li huma fdati bihom. Dawn il-passi operazzjonali japplikaw għall-SOEs kollha involuti fl-OSP, b'mod partikolari l-akbar 33 SOE identifikati fid-Deċiżjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 122 tad-29 ta' Diċembru 2024.

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni:** ksib sodisfaċenti

## Pass 7.2

**Isem tal-pass:** Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni dwar l-edukazzjoni preprimarja

**Riforma/investment relatati:** Ir-riforma 2. Edukazzjoni preprimarja aħjar

**Iffinanzjat minn:** self

### Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 7.2 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

*Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Edukazzjoni Preprimarja" f'allinjament mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar l-Edukazzjoni Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal. Il-liġi tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:*

- *garanziji ta' aċċess għall-edukazzjoni preprimarja għat-tfal ta' età bikrija u preprimarja;*
- *regoli ġusti għall-funzjonament tal-entitajiet edukattivi fis-suq tas-servizzi edukattivi fil-qasam tal-edukazzjoni preprimarja;*

- kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-impjegati fil-qasam tal-edukazzjoni preprimarja;  
- ir-regoli għall-funzjonament ta' network flessibbli u effiċjenti ta' fornituri tal-edukazzjoni preprimarja."

Il-Pass 7.2 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 7 (kapital uman).

### **Evidenza pprovduta**

- 1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3788-IX "*Dwar l-Edukazzjoni Preprimarja*", datata s-6 ta' Ġunju 2024;
- 3) kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 4059-IX "*Liġi tal-Baġit 2025*" datata d-19 ta' Novembru 2024, li temenda d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 3788-IX.

### **Analiżi**

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 7.2.

L-objettiv tar-Riforma 2 fil-Kapitolu 7 (kapital uman) huwa li jiġi żgurat aċċess għal edukazzjoni preprimarja ta' kwalità bl-għan li jiżdied l-involviment tan-nisa bi tfal ta' età preprimarja fis-suq tax-xogħol. Għal dan l-għan, il-Parlament Ukren adotta l-Liġi Nru 3788-IX dwar l-Edukazzjoni Preprimarja fis-6 ta' Ġunju 2024. Din il-liġi, kif emendata bl-Artikolu 31(2) tal-Liġi Nru 4059-IX, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-liġi huwa l-aċċessibbiltà, filwaqt li jiġi żgurat li l-edukazzjoni bikrija u preprimarja tkun disponibbli għat-tfal irrispettivament mill-post u mill-livell tal-introjtu tagħhom. L-edukazzjoni preprimarja b'xejn se tiġi pprovduta f'istituzzjonijiet statali u muniċipali lil kull tifel u tifla, irrispettivament mill-istatus.

Biex tittejjeb l-aċċessibbiltà, il-liġi tiddeskrivi l-kunsiderazzjonijiet ewlenin għall-atturi u l-korpi differenti involuti fit-twassil tal-edukazzjoni preprimarja, inklużi l-awtoritajiet tal-istat, il-gvernijiet lokali u l-manigġers tal-istituzzjonijiet preprimarja. Dawn huma marbuta mal-aċċessibbiltà territorjali, il-prossimità, u l-adekwatezza tal-bini biex jipprovdi servizzi edukattivi.

Il-liġi tintroduċi qafas ġenerali biex tirregola s-sistema tal-edukazzjoni preprimarja u toħloq kundizzjonijiet ekwi bejn il-korpi operattivi differenti billi tiddefinixxi l-prinċipji legali, organizzattivi u ekonomiċi tas-sistema. Dawn ir-regoli l-ġodda japplikaw għall-korpi kollha

(pubbliċi u privati) li jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni preprimarja. Fil-livell ċentrali, il-gvern huwa meħtieġ jiżviluppa standards nazzjonali ta' edukazzjoni preprimarja. Fil-livell lokali, kull istituzzjoni preprimarja se tiżviluppa programmi edukattivi li jirrispettaw l-istandards nazzjonali u jikkonformaw magħhom. Sabiex tiġi mmonitorjata l-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni preprimarja u jiġi żgurat li tikkonforma mal-istandards nazzjonali, il-liġi tistabbilixxi sistema interna u esterna ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

Il-liġi ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-impjegati kollha fis-settur tal-edukazzjoni preprimarja, inklużi dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-persunal u l-kapijiet tal-istituzzjonijiet. Hija tirregola s-siġħat tax-xogħol bl-għan li tnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-persunal tat-tagħlim. Barra minn hekk, tistabbilixxi l-possibbiltà li l-manijers tal-edukazzjoni preprimarja jipprovdu salarji u benefiċċji monetarji lill-impjegati tagħhom, lil hinn mill-ammonti stabbiliti fil-livell ċentrali.

Il-liġi tiddefinixxi responsabbiltajiet, drittijiet u obbligi ċari għall-fornituri tal-edukazzjoni preprimarja. Sabiex jiġu promossi l-iskambji u n-networks, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni preprimarja għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu kunsilli pedagoġiċi konġunti, li jlaqqgħu flimkien persunal pedagoġiku minn diversi istituzzjonijiet. Il-liġi tippromwovi u ttejjeg ukoll il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-edukazzjoni preprimarja fl-Ukrajna u dawk barra mill-pajjiż.

B'mod ġenerali, il-liġi dwar l-edukazzjoni preprimarja hija konformi mal-prinċipji ġenerali tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal. Dan jinkludi l-oġettiv ġenerali tal-liġi li tistabbilixxi qafas legali biex tiġi rregolata l-edukazzjoni preprimarja fl-Ukrajna, kif ukoll l-għan li jittejjeb l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-inklużività tas-servizzi tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal.

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni:** ksib sodisfaċenti

### Pass 7.11

**Isem tal-pass:** Adozzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Kultura Ukrena

**Riforma/investment relatati:** Ir-riforma 9. Żvilupp kulturali aħjar

**Iffinanzjat minn:** self

**Kuntest**

Ir-rekwiżit għall-Pass 7.11 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

"Adozzjoni ta' Ordni mill-Kabinett tal-Ministri li tapprova l-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Kultura Ukrena. L-istrateġija tiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:

- il-preservazzjoni, is-salvagwardja, u l-promozzjoni tal-wirt kulturali u l-proprjetajiet tal-poplu Ukren bħala parti integrali miż-żona kulturali komuni Ewropea, il-preservazzjoni tat-tifkira nazzjonali;

- l-għoti ta' servizzi kulturali ta' kwalità għolja u aċċessibbli u opportunitajiet għall-awto-realizzazzjoni kreattiva tan-nies;

- il-bini tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet kulturali Ukreni biex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà, jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki tal-parteċipazzjoni kulturali, u jissaħħu r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali;

- appoġġ għas-settur tal-industrija kreattiva bħala mutur tal-innovazzjoni soċjali u l-impjiegi, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-industrija kreattiva."

Il-Pass 7.11 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 9 tal-Kapitolu 7 (kapital uman).

### **Evidenza pprovduta**

- 1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass ġie ssodisfat b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 293-r "Dwar l-Approvazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Kultura fl-Ukrajna għall-2025-2030" datata t-28 ta' Marzu 2025;
- 3) kopja tal-"Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Kultura fl-Ukrajna għall-2025-2030" bħala dokument mehmuż mar-Riżoluzzjoni Nru 293-r tat-28 ta' Marzu 2025.

### **Analiżi**

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 7.11.

L-objettiv tar-Riforma 9 fil-Kapitolu 7 (kapital uman) huwa li tippromwovi l-patrimonju kulturali tal-Ukrajna. Għal dan l-għan, l-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Kultura Ukrena għall-perjodu sal-2030 ġiet adottata permezz tal-Ordni Nru 293-r tat-28 ta' Marzu 2025.

L-istrateġija tistabbilixxi l-għanijiet u l-miżuri assoċjati għall-iżvilupp tal-kultura Ukrena sal-2030. L-għanijiet strateġiċi huma: (i) il-protezzjoni, il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali u tal-valuri kulturali tal-poplu tal-Ukrajna, (ii) it-tisħiħ tal-kapital uman permezz ta' servizzi kulturali mtejba, (iii) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali tas-setturi tal-industrija kulturali u kreattiva, u (iv) l-integrazzjoni ulterjuri tal-kultura tal-Ukrajna fil-proċessi kulturali Ewropej u globali.

Sabiex jiġi protett, ippreservat u promoss il-patrimonju kulturali, l-istrateġija tinkludi miżuri li jsaħħu l-ġestjoni tal-patrimonju kulturali kemm għall-assi kulturali tanġibbli (mobbli u immobbli) kif ukoll għal dawk intanġibbli.

Tali miżuri jikkonsistu fir-rieżami tal-qafas regolatorju għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali, l-introduzzjoni ta' sistema effettiva ta' valutazzjoni tat-telf u tar-riskju għall-proprjetà kulturali u t-titjib tal-proċess ta' evakwazzjoni għall-kollezzjonijiet tal-mużewijiet fil-każ ta' theddid għas-sigurtà.

Miżuri oħra jikkonsistu fl-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali moderna biex jiġi ddokumentat il-patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli, it-titjib tal-metodi ta' restawr għall-proprjetà kulturali immobbli li tkun ġarrbet ħsara jew li tinqered matul l-ostilitajiet, l-integrazzjoni ta' prattiki kulturali fl-edukazzjoni biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-kommemorazzjoni nazzjonali u l-introduzzjoni ta' programmi edukattivi għall-prattikanti tal-patrimonju kulturali.

Sabiex jissaħħaħ il-kapital uman, l-istrateġija tipprevedi miżuri li jtejbu l-kwalità tas-servizzi kulturali u li jippromwovu l-awto-realizzazzjoni kreattiva tan-nies. Tali miżuri jiffukaw fuq l-espansjoni tal-aċċessibbiltà għal servizzi kulturali bil-lingwa Ukrena ta' kwalità għolja permezz tat-teknoloġija diġitali, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur kreattiv, l-istabbiliment ta' programmi ta' taħriġ iddedikati għall-appoġġ tal-intraprenditorija kreattiva u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għal prodotti kreattivi.

Sabiex tittejjeb il-kapaċità istituzzjonali fis-settur kulturali, l-istrateġija tinkludi miżuri li jirrieżaminaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet kulturali, li jsaħħu l-aċċess tagħhom għas-servizzi diġitali, u li jrawmu sħubijiet transsettorjali.

L-istrateġija tipprevedi wkoll miżuri biex il-kultura tal-Ukrajna tiġi integrata aktar fil-livell Ewropew u internazzjonali. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet kulturali f'pajjiżi sħab permezz ta' programmi ta' skambju u l-kofinanzjament ta' prodotti kreattivi, l-espansjoni tal-preżenza tal-operaturi tal-industrija kreattiva tal-Ukrajna fis-swieq internazzjonali u l-iżgurar tal-parteeċipazzjoni attiva tal-Ukrajna fl-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fis-setturi kulturali u kreattivi, pereżempju permezz tal-Programm Ewropa Kreattiva.

Fl-aħħar nett, il-miżuri li jappoġġaw is-settur tal-industrija kreattivi jinkludu r-rieżami tas-sistema tal-kwalifiki professjonali u l-promozzjoni tal-arti kontemporanja bħala mutur tal-innovazzjoni soċjali permezz ta' aċċess aħjar għall-finanzjament għal proġetti tal-arti kontemporanji fil-livelli nazzjonali u lokali.

Il-miżuri jiffukaw ukoll fuq it-titjib tal-kapaċità, il-ġestjoni u s-sistemi ta' finanzjament għall-istituzzjonijiet pubbliċi ewlenin tal-Ukrajna fis-settur kreattiv, bħall-Aġenzija Ukrena tal-Istat għall-Films u l-Istitut Ukren għall-Kotba.

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni:** ksib sodisfaċenti

#### Pass 9.4

**Isem tal-pass:** Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-politika pubblika b'applikazzjoni ttardjata

**Riforma/investment relatati:** Ir-riforma 2. Involvement akbar taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali

**Iffinanzjat minn:** self

#### Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 9.4 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

*"Dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Ukrajna 'Dwar il-Konsultazzjonijiet Pubbliċi' bl-applikazzjoni tagħha fi żmien 12-il xahar mid-data tat-terminazzjoni jew l-abolizzjoni tal-liġi marzjali fl-Ukrajna. Il-liġi se tnedi mekkaniżmu legali għall-konsultazzjonijiet pubbliċi matul il-formazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika pubblika, filwaqt li tindirizza kwistjonijiet ta' importanza lokali, li se jstabbilixxu prekundizzjonijiet għat-tfassil tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet koerenti, effettivi u effiċjenti."*

Il-Pass 9.4 huwa l-uniku pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 9 (deċentralizzazzjoni u politika reġjonali).

#### Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass ġie ssodisfat b'mod sodisfaċenti, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 3841-IX "Dwar il-Konsultazzjonijiet Pubbliċi", datata l-20 ta' Ġunju 2024.

#### Analiżi

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 9.4.

L-objettiv tar-Riforma 2 fil-Kapitolu 9 (deċentralizzazzjoni u politika reġjonali) huwa li jiżiedu l-involvement taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni attiva fil-proċessi lokali tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Għal dan l-għan, il-liġi "Dwar il-Konsultazzjonijiet Pubbliċi" daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2024, bl-applikazzjoni tagħha fi żmien 12-il xahar wara d-data tat-terminazzjoni jew tal-kanċellazzjoni tal-liġi marzjali fl-Ukrajna.

Il-liġi tistabbilixxi l-mekkaniżmu legali għall-konsultazzjonijiet pubbliċi i) għall-iżvilupp, il-formazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Istat; ii) għall-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' importanza lokali permezz ta' dokumenti tal-programmi; u iii) għall-iżvilupp ta' atti legali.

Il-liġi tidentifika l-korpi li huma obbligati jwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi, il-prinċipji ġenerali li għandhom jirregolaw il-proċess, u l-lista ta' eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu.

Il-liġi tagħti aktar dettalji dwar il-proċeduri li għandhom japplikaw għat-twettiq ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, inklużi l-formati li fihom għandhom isiru, il-perjodi minimi ta' żmien għall-parteċipazzjoni pubblika u l-proċedura speċjali li tapplika għall-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Parlament Ukren.

Il-liġi tistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ, ir-rapportar u t-tixrid tas-sottomissjonijiet u r-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika.

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni:** ksib sodisfaċenti

### Pass 12.3

**Isem tal-pass:** Twaqqif ta' sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet dwar l-artijiet

**Riforma/investment relatati:** Ir-riforma 2. L-iżgurar ta' suq tal-artijiet funzjonali

**Iffinanzjat minn:** self

#### Kuntest

Ir-rekwiżit għall-Pass 12.3 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

*"Bdiet titħaddem sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art, li tiffunzjona fil-qafas taż-żamma tal-Katast tal-Istat tal-Art. Sistema ta' ġeoinformazzjoni għall-valutazzjoni tal-massa tal-art bdiet titħaddem bħala parti mis-software tal-Katast tal-Art tal-Istat."*

Il-Pass 12.3 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 2 tal-Kapitolu 12 (is-settur agroalimentari).

#### Evidenza pprovduta

- 1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Annex tas-CID;

- 2) kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 474 "Dwar il-Monitoraġġ Pubbliku tar-Relazzjonijiet mal-Art", datata t-12 ta' Mejju 2023;
- 3) kopja tal-"Proċedura għat-Twettiq tal-Monitoraġġ Pubbliku tar-Relazzjonijiet mal-Art u l-Monitoraġġ tas-Suq tal-Art bħala parti minnu" bħala dokument mehmuż mar-Riżoluzzjoni Nru 474 tat-12 ta' Mejju 2023;
- 4) kopja tal-Ordni tal-Ġeokatast tal-Istat Nru 120 "Dwar l-approvazzjoni tal-lista ta' data tar-riżultati tal-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art", datata l-31 ta' Marzu 2025;
- 5) kopja tal-"Lista ta' data dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art, li huma soġġetti għal divulgazzjoni" bħala dokument mehmuż mal-Ordni Nru 120 tal-31 ta' Marzu 2025;
- 6) iperlink għas-sit web tas-sistema għall-Monitoraġġ Pubbliku tar-Relazzjonijiet mal-Art: <https://monitoring.land.gov.ua/>;
- 7) kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 1078 "Ċerti Kwistjonijiet tal-Implimentazzjoni tal-Proġett Pilota dwar il-Valutazzjoni tal-Art tal-Massa", datata t-13 ta' Ottubru 2023;
- 8) kopja tal-"Proċedura għall-Implimentazzjoni tal-Proġett Pilota għat-Twettiq ta' Valutazzjoni tal-Art tal-Massa" bħala dokument mehmuż mar-Riżoluzzjoni Nru 1078 tat-13 ta' Ottubru 2023;
- 9) kopja tal-Ordni tal-Geokatast tal-Istat Nru 121 "Dwar il-Pubblikazzjoni tar-Riżultati tal-Proġett Pilota dwar l-Evalwazzjoni tal-Massa tal-Artijiet", datata l-31 ta' Marzu 2025;
- 10) link u kredenzjali temporanji ta' log-in għas-sit web tas-"Sistema ta' Ġeoinformazzjoni għall-valutazzjoni tal-massa tal-art" <https://e.land.gov.ua/services>.

### **Analiżi**

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 12.3.

L-objettiv tar-Riforma 2 fil-Kapitolu 12 (is-settur agroalimentari) huwa li jittejjeb is-suq tal-art funzjonali. Għal dan l-għan, bdew jiġihaddmu sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art u sistema ta' ġeoinformazzjoni għall-valutazzjoni tal-massa tal-art.

L-interazzjoni taż-żewġ sistemi ma' sistemi ta' informazzjoni eżistenti oħra tal-Istat tkompli ttejjeb il-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet mal-art. Iż-żewġ sistemi jippermettu li jiġu ddeterminati l-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet għar-relazzjonijiet mal-art (ix-xiri, il-lokazzjoni, u s-sullokazzjoni tal-art) u jistabbilixxu l-bażi għat-titjib ulterjuri tas-sistema tat-tassazzjoni f'konformità mal-prattiki globali tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà immobbli.

Il-"Proċedura għat-Twettiq tal-Monitoraġġ Pubbliku tar-Relazzjonijiet mal-Art u l-Monitoraġġ tas-Suq tal-Art bħala parti minnu" (minn hawn 'il quddiem il-Proċedura għall-Monitoraġġ tal-Art) kif approvata mir-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 474 "Dwar il-Monitoraġġ Pubbliku tar-Relazzjonijiet mal-Art" tat-12 ta' Mejju 2023 tispeċifika li s-sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art tippermetti l-ġbir, il-ħżin, l-aggregazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-istat tar-relazzjonijiet mal-art.

F'konformità mal-Proċedura għall-Monitoraġġ tal-Art, l-Ordni tal-Ġeokatast tal-Istat Nru 120 tat-31 ta' Marzu 2025 approvat lista ta' data li għandha tiġi ppubblikata f'forma ġeneralizzata (test, grafika, kartografika jew tabella) fi ħdan is-software tas-sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet mal-art. Is-sistema hija aċċessibbli permezz tas-sit web: <https://monitoring.land.gov.ua/>. Il-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema huma aċċessibbli għall-pubbliku. L-utenti rreġistrati jingħataw funzjonalitajiet addizzjonali.

Is-sistema awtomatizzata għall-monitoraġġ pubbliku tar-relazzjonijiet tal-art ġiet implimentata iżda se tiġi introdotta f'fażijiet. Fiż-żmien tal-valutazzjoni, is-sistema kienet qed topera fil-fażi sperimentali tal-operat, u kienet qed topera taħt kundizzjonijiet reali biex jiġu vverifikati l-funzjonalitajiet u identifikati żbalji jew vulnerabbiltajiet potenzjali.

Il-"Proċedura għall-Implimentazzjoni tal-Proġett Pilota għat-Twettiq tal-Valutazzjoni tal-Art tal-Massa", kif approvata mir-Riżoluzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 1078 "Ċerti Kwistjonijiet dwar l-Implimentazzjoni tal-Proġett Pilota dwar il-Valwazzjoni tal-Art tal-Massa", tiddefinixxi s-sistema ta' ġeoinformazzjoni għall-valutazzjoni tal-art tal-massa bħala għodda għall-awtomatizzazzjoni tal-proċess tat-twettiq u tal-aġġornament tal-valwazzjonijiet tal-art għal irqajja' art individwali, u biex jiġi żgurat l-aċċess pubbliku għar-riżultati. Tirrikjedi wkoll li s-sistema ta' ġeoinformazzjoni tiġi integrata mas-software tal-Katast tal-Istat.

L-Ordni tal-Ġeokatast tal-Istat Nru 121 "Dwar il-Pubblikazzjoni tar-Riżultati tal-Proġett Pilota dwar il-Valutazzjoni tal-Massa tal-Art" tal-31 ta' Marzu 2025 tawtorizza l-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Ġeokatast tal-Istat tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-art tal-massa l-aktar reċenti għall-art agrikola, abbażi ta' mudell ta' rigressjoni. Is-sistema ta' ġeoinformazzjoni għall-valutazzjoni tal-art tal-massa tista' tiġi aċċessata permezz tas-sit web tal-Ġeokatast tal-Istat: <https://e.land.gov.ua/services>.

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni:** ksib sodisfaċenti

### Pass 12.7

**Isem tal-pass:** L-adozzjoni tal-pjan fit-tul dwar is-sistema tat-tisqija

**Riforma/investment relatati:** Ir-riforma 5. L-iżvilupp fit-tul tas-sistema tat-tisqija biex tiżdied ir-reżiljenza għall-klima tas-settur

**Iffinanzjat minn:** self

#### **Kuntest**

Ir-rekwiżit għall-Pass 12.7 deskritt fl-anness tas-CID huwa:

*"L-adozzjoni ta' 'Il-pjan fit-tul għall-iżvilupp tas-sistema tat-tisqija.' Il-pjan jiffoka fuq dawn l-oqsma ewlenin:*

- il-prijoritajiet fis-settur tat-tisqija bbażati fuq analiżi tal-benefiċċji ekonomiċi sħaħ;*
- allinjament mal-istrateġija tas-settur tal-ilma u mal-prinċipji tal-ġestjoni tal-ilma bbażata fuq il-baċir tal-ilma;*
- indikazzjoni tal-investimenti pubbliċi u oħrajn meħtieġa u l-ħtieġa għal aktar privatizzazzjoni; - id-dimensjoni tal-governanza/tal-ġestjoni tas-settur;*
- il-valutazzjoni ambjentali li għandha titwettaq għal kwalunkwe proġett ta' riabilitazzjoni jew kostruzzjoni f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-UE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-valutazzjoni strateġika ambjentali u l-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna f'dan il-qasam."*

Il-Pass 12.7 huwa l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tar-Riforma 5 tal-Kapitolu 12 (is-settur agroalimentari).

#### **Evidenza pprovduta**

- 1) dokument sommarju li jiġġustifika b'mod xieraq kif il-pass intlaħaq b'mod sodisfaċenti f'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness tas-CID;
- 2) kopja tal-Ordni tal-Kabinett tal-Ministri Nru 280-p *"Dwar l-approvazzjoni tal-Pjan fit-Tul għall-Iżvilupp tal-Kumplex tat-tisqija tal-Ukrajna sal-2050"*, datata l-25 ta' Marzu 2025;
- 3) kopja tal-Pjan fit-Tul għall-Iżvilupp tal-Kumplex tat-tisqija tal-Ukrajna sal-2050" bħala dokument mehmuż mal-Ordni Nru 280-p tal-25 ta' Marzu 2025.

#### **Analiżi**

Il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni sostantiva ta' evidenza ppreżentati mill-awtoritajiet Ukreni jkopru l-elementi kostituttivi kollha tal-Pass 12.7.

L-objettiv tar-Riforma 5 fil-Kapitolu 12 (is-settur agroalimentari) huwa li jiġi żgurat l-ippjanar fit-tul tal-infrastruttura tat-tisqija b'mod sostenibbli, biex titrawwem ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fis-settur agroalimentari. Għal dan l-għan, il-Kabinett tal-Ministri adotta l-Pjan fit-Tul għall-Iżvilupp tal-Kumpless tat-tisqija tal-Ukrajna sal-2050 (minn hawn 'il quddiem "il-Pjan") permezz tal-Ordni Nru 280-p tal-25 ta' Marzu 2025.

